# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-3 TA' MEJJU, 2024**

**Kawża Numru: 1**

**Rik. Ġur. 1201/2015 RGM**

**Mario Magri**
**Anton Magri**
**Peter Magri u b'digriet tas-17 t'Awwissu 2023 stante l-mewt ta' Peter Magri fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju f'ismu ġie trasfuż f'isem Mary Magri, Mario Magri u Anton Magri**
**Miriam Sciberras**

**vs.**

**Carmelo Magri u**
**Angelo Magri**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors maħluf tas-17 ta' Diċembru 2015 fisser li huma flimkien mal-konvenuti huma propjetarji ta' diversi ambjenti. B'testment tat-22 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, il-konvenuti tħallew

   a. Is-sehem ta' nofs (1/2) indiviż ta' żewġt ikmamar li tħallew bħala legat lill-konvenuti li jinsabu ġewwa r-razzett magħruf bħala Magri Farmhouse ġia formanti parti mill-għalqa msejħa Tal-Ħniena fil-kontrada tal-Ħniena, limiti tal-Qrendi;

b. Sehem ta' żewġ terzi (2/3) indiviż tal-passaġġ aċċessibbli minn sqaq bla isem li jagħti fuq Triq Fulija, limiti tal-Qrendi;
c. Sehem f'żewġ porzjonijiet ta' raba tal-kejl kull biċċa ta' 1946 metru kwadri aċċessibbli minn fuq il-parti komuni, fuq imsemmija u kif ukoll sehem fir-raba formanti parti mill-għalqa imsejħa Tal-Ħniena fil-kontrada tal-Ħniena, limiti tal-Qrendi aċċessibbli mill-passaġġ komuni li jisbokka fi sqaq li jisbokka fi Triq il-Fulija, Qrendi.

Ir-rimanenti ishma ta' dawn il-proprjetajiet jappartjenu lill-atturi in forza ta' l-istess testment imsemmi kif ukoll in forza ta' donazzjoni irrevokabbli li saret fis-26 ta' Ġunju 2014 fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono. L-atturi ppremmettew li ai termini tal-Artikolu 493 tal-Kapitolu 16, ebda wieħed mill-konvenuti m'għandu jedd jagħmel tibdil fil-proprjetà miżmuma in komuni bejn il-kontendenti. L-atturi fissru li l-konvenuti

i. Qabdu u sakkru iż-żewġt ikmamar li jinsabu ġewwa r-razzett imsemmi fil-paragrafu (a) hawn fuq u ddeċidew li jitfgħu fenka ġewwa l-istess ambjenti, fost ħafna ħmieġ u żibel u applikaw sabiex jagħmlu *meter* indipendenti sabiex jgħaddu d-dawl ġewwa l-istess kmamar;
ii. Applikaw sabiex jgħaddi *meter* tad-dawl u jsiru l-arranġamenti relattivi, tant li qegħdin idaħħlu ħaddiema sabiex dan isir minn ġewwa s-sehem ta' żewġ terzi indiviż tal-passaġġ imsemmi fil-paragrafu (b) hawn fuq;
iii. Intavolaw mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet inversi Carmelo Magri et vs. Peter Magri et (Mand Inib 1149/14) milqugħ definittivament fid-29 ta' Awissu 2014 u kawża appożita li tirrigwarda l-istess mertu u fl-ismijiet fejn qegħdin jallegaw li huma għandhom xi sehem mir-razzett Magri Farm senjatament mir-*reservoir* u l-*manure pit* meta dan ir-razzett tħalla fl-intier tiegħu b'legat lil Peter Magri fit-testment tal-21 t'April 2008.

L-atturi fissru li l-konvenuti ħasbu li huma jistgħu jinibixxu lil komproprjetarji milli jgawdu l-imsemmija ambjenti u jagħmlu li jridu f'dawn l-ambjenti u jfixkluhom mit-tgawdija u l-pussess tal-istess. Ippremettew illi anteċedenti l-intavolar ta' din l-azzjoni, l-atturi intavolaw Mandat t'Inibizzjoni dwar dan il-mertu liema mandat intlaqa' minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Novembru 2015 u li jġib in-numru 1715/2015. Għalhekk l-atturi talu lill-Qorti:

"1. Tiddikjara u tiddeċiedi, anke bl-opera ta' periti nominandi illi r-razzett maghruf bhala Magri Farmhouse accessibbli minn fuq passagg proprjetà in komuni bejn l-esponenti u l-intimati u li jaghti fuq sqaq bla isem jizbokka fuq Triq il-Fulija limiti tal-Qrendi inkluż il-*manure clamp*, *reservoir* u l-*fattening unit with underlying cesspit*, huwa proprjetà tal-esponenti u l-intimati ma ghandhom l-ebda jedd li jfixklu lill-esponenti fit-tgawdija u l-uzu tieghu;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi, anke bl-opera ta' periti nominandi, illi z-zewgt (2) ikmamar li jinsabu gewwa r-razzett maghruf bhala Magri Farmhouse gia formanti parti mill-ghalqa msejha Tal-Hniena fil-kontrada tal-Hniena, limiti tal-Qrendi huma proprjetà tal-esponenti flimkien mal-intimati u li ghaldaqstant l-ebda wiehed mill-intimati ma ghandu l-jedd jaghmel tibdil, xogholijiet jew jikkapparra u jsakkar l-istess ambjenti;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi, anke bl-opera ta' periti nominandi, illi l-passagg accessibbli minn sqaq bla isem li jaghti fuq Triq Fulija, limiti tal-Qrendi, u kif ukoll f'zewg porzjonijiet ta' raba tal-kejl kull bicca ta' elf disa mija u sitta u erbghin metri kwadri (1946m.k.) accessibbli minn fuq il-parti komuni, fuq imsemmija u kif ukoll sehem fir-raba formanti parti mill-ghalqa imsejha Tal-Hniena fil-kontrada tal-Hniena, limiti tal-Qrendi, accessibbli mill-passagg komuni gia deskritt li jisbokkaw fi sqaq li jizbokka fi Triq il-Fulija, limiti tal-Qrendi huma proprjetà tal-esponenti flimkien mal-intimati u li ghaldaqstant l-ebda wiehed mill-intimati ma ghandu l-jedd jaghmel tibdil, xogholijiet jew jikkapparra u jsakkar l-istess ambjenti;

4. Tordna lill-intimati sabiex jergghu jirripristinaw l-uzu tal-ambjenti imsemmija fit-talba numru tnejn (2) u tlieta (3) sabiex l-esponenti jkunu jistghu jgawduhom flimkien mal-intimati u dana fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefiggi din l-Onorabbli Qorti u in difett, jiġi awtorizzat l-istess attur jaghmel dawn ix-xoghlijiet a spejjez tal-intimat taht direzzjoni ta' perit nominat.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-numru 1715/15AF kontra l-intimati minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fil-21 ta' Jannar 2016 fejn eċċepew il-*lis alibi pendens* u dan stante li bejn l-istess partijiet hemm kawża oħra pendenti u dan dwar l-istess ambjenti u l-istess mertu

inizjata fuq istanza tagħhom (Rik Ġur Nru 811/2014) u li jinsabu pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Fil-mertu l-konvenuti eċċipew li t-talbiet atturi huma infondati u animati biss minn pika u animożita' żejda u dan peress li kienu l-atturi li b'nuqqas ta' rispett totali lejn id-drittijiet tal-konvenuti qua komproprjetarji tal-ambjenti de quo, illi wrew l-intenzjoni tagħhom li jagħmlu tibdil strutturali fl-ambjent de quo u dan mingħajr il-kunsens tal-konvenuti u kien għalhekk li ottjenew ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1149/14 fid-29 t'Awwissu 2014 fl-ismijiet Carmelo Magri et vs. Peter Magri et. Mingħajr preġudizzju għal dan eċċipew ukoll li huma qatt ma kellhom intenzjoni u lanqas għandhom intenzjoni li jagħmlu xi tibdil strutturali fil-partijiet komuni u "għaldaqstant ma hemm l-ebda interess ġuridiku skond il-liġi"[1]. Il-konvenuti eċċipew ukoll li l-atturi ma jistgħux jippretendu li jużaw il-partijiet komuni ad esklużjoni tagħhom. Finalment eċċipew li l-ambjenti li l-atturi jippretendu li huma esklussivament tagħhom huma in komproprjetarji magħhom u għalhekk l-ewwel talba qatt ma tista' tirnexxi.

3. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż inkluż in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet[2] [3].

4. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

5. Din hija azzjoni primarjamewnt msejsa fuq l-**Artikolu 493 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi illi ebda komproprjetarju ma jista' jagħmel tibdil fil-ħaġa inkomun mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra, lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' ġid għal kulħadd.

**Provi**

6. Xehed **Malcolm Vassallo**, *senior manager* mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fejn fisser li l-għalqa mertu tal-kawża odjerna mis-sena 2003, li dak iż-żmien kienet porzjon waħda, kienet reġistrata fuq Giorgio Magri u Angelo Magri u baqgħet hekk reġistrata sas-sena 2009. Wara tibdil fil-proċeduri interni rigward sussidju fejn ma setgħux iħallu raba irreġistrata fuq żewġ min-nies, mis-sena 2009 sas-sena 2011, ir-reġistrazzjoni kienet fuq Angelo Magri. Minn Ottubru 2016 fejn ir-raba

[1] Fol 83 tal-proċess.
[2] Fol 303 et seq tal-proċess.
[3] Fol 327 et seq tal-proċess.

kienet inqasmet fi tnejn, ir-raba kienet irreġistrata fuq Anthony Magri (numru ta' identifikazzjoni differenti minn dik tal-attur Anton Magri) u Angelo Magri. Tali reġistrazzjoni ssir mill-bidwi fejn jiddikjara li huwa qiegħed jaħdem ir-raba u li jrid jirreġistraha fuqu. Jgħid li qabel jgħaddu sabiex jagħmlu r-reġistrazzjoni huma jivverifikaw li l-għalqa mhux reġistrata fuq ħaddieħor.

7. Xehed permezz t'affidavit l-attur **Mario Magri** fejn beda billi irrepeta dak li ingħad fir-rikors promotur fir-rigward tal-ishma u jgħid li l-bqija tal-proprjetajiet huma tiegħu u l-atturi l-oħra li ddevolvew fuqhom permezz tat-testment tat-22 ta' Jannar 2002 kif ukoll permezz donazzjoni irrevokabbli li saret fis-26 ta' Ġunju 2014 fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono. Jgħid li nonostante li mhux proprjetà tagħhom il-konvenuti ddeċidew li jaqbdu u jikkapparraw l-ambjenti li jappartjenu lilhom u dan billi sakkru żewġ ikmamar li jinsabu ġewwa r-razzett magħruf bħala Magri Farmhouse, applikaw għal meter tad-dawl kif ukoll żergħu ir-raba formanti parti mill-għalqa imsejħa tal-Ħniena u għamlu katina li timblokkalhom l-aċċess bir-riġel u bl-inġenji għal ġewwa ħwejjiġhom stess. Jgħaddi sabiex jgħid li l-konvenuti kienu anke għamlulhom Mandat t'Inibizzjoni bin-numru 1149/2014 fejn allegaw li għandhom sehem mir-razzett Magri Farmhouse, mir-*reservoir* u l-*manure pit* tar-razzett. Jgħaddi sabiex jgħid imbagħad li anke huma intavolaw Mandat t'Inibizzjoni bin-numru 1715/2015 li intlaqa' fis-27 ta' Novembru 2015 iżda nonostante li b'dak il-mandat il-konvenuti ġew inibiti milli jaħdmu r-raba huma baqgħu jagħmlu hekk u għamlu ostakli sabiex huma ma jkunux jistgħu jidħlu fir-raba.

In kontro-eżami jgħid li huwa ġieli ra liz-zijiet, cioe' lill-konvenuti, jaħartu r-raba u jidħlu fil-kamra li hija msakkra'. Mistoqsi jekk iz-zijiet kinux jużaw din il-kamra, ix-xhud jgħid li iva u jkompli jgħid li anke huma kienu jużawha. Mistoqsi dwar il-katina, ix-xhud jikkonferma li dik il-katina tifred ir-razzett u l-għalqa mill-proprjetà ta' terzi. Huwa jfisser li darba fis-sena huma kienu jidħlu bl-inġenji minn fuq terzi biex iħammlu d-demel u din il-katina żammithom milli jagħmlu hekk. Mistoqsi jekk kienx hemm katina fl-entratura li tinsab fuq in-naħa ta' quddiem, ix-xhud jgħid li le m'hemmx u kkonferma li minn dal-passaġġ komuni dejjem baqgħu jidħlu għalkemm jgħid ukoll li bl-inġenji ma jistax jidħol għax kbar. Ix-xhud, mistoqsi jekk jafx min għamel il-katina, jgħid li ma jafx. Mistoqsi jekk id-demmiela tagħmilx parti mill-għalqa skont it-testment, ix-xhud jgħid li skontu d-demmiela tagħmel parti mir-razzett.

8. Xehed il-konvenut **Carmelo Magri** permezz t'affidavit fejn fisser li f'April 2014, ħuh il-konvenut Angelo Magri kien qallu li kellmu l-attur Mario Magri, li huwa iben ħuh l-ieħor l-attur Peter Magro u qallu li kien applika mal-PA sabiex jagħmel xogħlijiet fir-razzett magħruf bl-isem Magri Farmhouse formanti parti mill-għalqa msejħa tal-Ħniena, Qrendi kif ukoll fil-partijiet komuni tal-istess razzett. Jgħid li iltaqa' man-neputijiet l-atturi Anton u Mario sabiex jiddiskutu x-xogħlijiet iżda n-neputijiet qalulu li la għandhom il-permess tal-PA ħadd ma kien ser iżommhom milli jwettqu x-xogħlijiet. Fisser li meta ċċekjaw sabu li x-xogħlijiet kienu ser jaffettwaw il-partijiet komuni wkoll, fejn hu u ħuh huma komproprjetarji, inkluż f'dik il-parti li tissejjaħ id-demmiela. Stante li huma ma tawx il-kunsens tagħhom għal dan ix-xogħol huma kienu ottjenew Mandat t'Inibizzjoni (bin-numru 1149/2014) liema mandat intlaqa' u ġie segwit b'kawża (Rik Ġur 811/2014 MH). Ix-xhud spjega li dawn il-proċeduri tal-kawża odjerna infetħu b'pika u dan għaliex tirrigwarda l-istess proprjetà. Jinsisti li huwa "bl-ebda mod ma rrid inxekkel lil ħuti milli jużaw il-partijiet komuni tar-razzett."[4] Ix-xhud jinsisti li r-ritratti tal-ktajjen u knaten annessi mal-affidavit tal-attur Mario Magri jiżgwidaw għaliex dawk qegħdin hemm sabiex jifirdu l-għalqa tagħhom minn għalqa ta' terzi li tiġi fuq in-naħa ta' wara. Dwar il-meter tad-dawl huwa fisser li kien applika għal meter tad-dawl sabiex ikun jista' jsaqqi r-raba tiegħu. Jgħid li qabel din l-applikazzjoni, huma kienu jużaw il-meter reġistrat f'isem l-attur Peter Magri u dan meta kienu bi sħab bil-majjali. Wara xi żmien li baqgħux bil-majjali, tħaffret spira u waħħlu sub-meter fil-komun tar-razzett sabiex jibqgħu jużaw il-meter. Dan kollu bil-kunsens ta' Peter u wliedu Mario u Anton. Ikompli jgħid li darba f'sena kienu jagħmlu l-kontijiet ta' bejniethom u jħallsu l-konsum skont is-submeter u jaqsmu anke l-kera tal-arloġġ. Jgħid li huwa applika għal meter meta Peter Magri informa lill-iben Carmelo Magro li kien ser ineħħi s-submeter u dan kien fiż-żmien meta ġie ppreżentat il-mandat t'inibizzjoni. Jgħid li bħala parti mill-applikazzjoni huwa kellu jinkariga kuntrattur biex jinstalla *earth electrode*. Ikompli jgħid li meta huwa informa lill-Inġinier tal-Enemalta li dan ġie installat, huwa kien qallu li l-arloġġ irid jiġi installat fil-komun però waqaf kollox minħabba l-mandat. Ikkonkluda l-affidavit billi qal li ommhom Maria Magri għamlet testment fit-2 ta' Lulju 2014 fejn ħalliet lil Mario u Anton Magri, diversi prelegati fosthom tal-partijiet komuni li diġà kienu akkwistaw huma, inkluż tal-kmamar u tal-passaġġ ta' quddiemhom u kif ukoll ta' kwalsaisi drittijiet li hu u ħuh Angelo seta' kellhom fir-rigward tar-razzett Magri Farmhouse. Jgħid li ommu iddikjarat li taf li sehem minn dawn il-legati jappartjeni lil Carmelo u lil Angelo. Jgħid

[4] Fol 202 tal-proċess.

li kien għalhekk li huwa u ħuh irrinunzjaw għal wirt t'ommhom b'nota tal-20 ta' Mejju 2016 u bdew proċeduri (RIK Ġur 923/2016 JVC) sabiex is-sehem riżervat tagħhom jiġi rispettat, liema proċeduri għadhom pendenti.

9. Xehed permezz t'affidavit il-konvenut **Angelo Magri** fejn ikkonferma dak kollu li ddikjara ħuh Carmelo Magri fl-affidavit tiegħu. Żied li l-inkwiet beda meta ommhom marret toqgħod m'oħthom l-attriċi Miriam Sciberras. Jinsisti li huma qatt ma raw l-applikazzjoni tal-PA (imsemmija minn Carmelo Magri) imwaħħla u kien Mario Magri stess li ammetta mat-tifel tax-xhud li kien neħħih. Ikompli jgħid li meta waqfulhom, ħutu ppruvaw minn kollox flimkien m'ommhom sabiex iċċaħduhom mid-drittijiet tagħhom. Jgħid li wara li bdew il-proċeduri saru jafu li ommhom kienet iddonat sehemha lin-neputijiet Mario u Anton aħwa Magri (ulied Peter Magri) permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2014 u sussegwentement kienet ħalliet bi prelegat l-ishma u d-drittijiet kollha tagħhom b'testment tat-2 ta' Lulju 2014 lit-tfal ta' ħuh Peter.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk l-ispira tinsabx f'parti li hija proprjetà komuni, ix-xhud jgħid li fejn hemm l-ispira kienet tinsab għandu b'ċens m'għand missieru u għadha f'idejh. Jgħid li l-ispira kienet u għadha reġistrata fuqu mad-dipartiment tal-agrikultura. Ix-xhud spjega li bit-testment kulħadd jaf fejn hu tiegħu u baqgħu jaħdmu dik il-parti li missierhom kien kitbilhom. Mistoqsi jekk ir-raba inkluż ir-razzett inqasamx, ix-xhud jgħid li ma nqasam xejn. Mistoqsi dwar il-kamra, ix-xhud jgħid li dik dejjem kienet għandu u għalhekk iċ-ċavetta tagħha qiegħda għandu. Jgħid li hu u ibnu għandhom aċċess għal dik il-kamra. Mistoqsi ta' min hi l-kamra, ix-xhud jgħid li skont it-testment ta' missieru, il-kamra kienet tappartjeni lilu u lil ħuh imma "issa kif ġraw l-affarijiet bejn kulħadd, lanqas naf ta' min huma għax hemm kawża oħra fuqha dik."[5] Mistoqsi jekk talabx il-kunsens ta' Peter, ta' Mario u Anton sabiex jagħmlu l-*meter* ix-xhud jgħid li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk Peter, Mario u Anton żergħux prodotti fl-għalqa komuni jew jekk kinux huma biss (ċioe l-konvenuti) li kien jiżergħu, ix-xhud spjega li mis-sena 2015, sallum huma biss (ċioe l-konvenuti) kienu jiżirgħu.

10. Xehed **Ruben Bonnici**, rappreżentant tas-soċjetà ARMS, fejn fisser li fis-sena 2015 saret applikazzjoni għan-nom ta' Peter Magri sabiex il-meter minn one-phase jinqaleb għal three-phase. Jgħid li din l-applikazzjoni iżda ġiet ikkanċellata għalkemm fis-sistema tal-ARMS għadha tidher pendenti peress li l-*processing fee* ma ġietx rifuża. Ix-xhud jgħid li ċertu Brandon

[5] Fol 298 tal-proċess.

Harney mill-Enemalta kien kitbilhom sabiex jirrifondu l-*fee* minħabba li l-applikazzjoni ma setgħetx tiġi pproċessata minħabba li hemm proċeduri legali. Fisser ukoll li fis-sena 1995, kien Peter Magri li applika għal *meter* tad-dawl. Mistoqsi jekk intalabx prova ta' titolu meta saret l-applikazzjoni fis-sena 2015, ix-xhud qal li ġaladarba kien hemm diġà meter huma ma talbux prova tat-titolu, fisser li huwa biss meta ssir applikazzjoni ġdida li jkun hemm bżonn prova tat-titolu.

11. Xehed in-**Nutar Mario Bugeja** fejn ippreżenta kopja tat-testment tal-21 t'Awwissu 2008 ta' Giorgio Magri u Maria Magri, flimkien mal-pjanti hemm annessi. Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx hu li għamel il-kuluri fuq il-pjanta, ix-xhud jgħid li kien hu imma fuq struzzjonijiet tat-testaturi.

**Fatti**

12. L-atturi Peter Magri, illum defunt, u Miriam Sciberras huma ħut il-konvenuti filwaqt li Mario u Anton aħwa Magri huma ulied Peter Magri u għalhekk neputijiet tal-konvenuti.

13. Jirriżulta mill-atti li bejn il-kontendenti hemm diversi proċeduri legali għaddejjin.

14. Skont il-konvenuti, kien wara li uħud mill-atturi talbu permess tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jagħmlu xogħlijiet fir-razzett magħruf bl-isem Magri Farmhouse formanti parti mill-għalqa msejħa tal-Ħniena, Qrendi kif ukoll fil-partijiet komuni tal-istess razzett li intavolaw Mandat t'Inibizzjoni. Ir-rikors **Carmelo Magri et vs. Peter Magri et (Mand t'Inib 1149/2014)** ġie akkordat fid-29 ta' Awwissu 2014.

15. Sussegwentement il-konvenuti Carmelo u Angelo aħwa Magri intavolaw fis-17 ta' Settembru 2014 kawża fl-ismijiet **Carmelo Magri et vs. Peter Magri et (RIk Ġur 811/2014)**. F'dik il-kawża ppremettew li Peter Magri, Mario Magri, Anton Magri u Maria Magri għal kull interess li jista' jkollha, mhux "talli huma intenzjonati li jissanzjonaw u jiżviluppaw ir-razzett, talli addirittura qegħdin jipproponu li jibnu dik l-istruttura li huma qed isejħulha "manure clamp". "reservoir", u "fattening unit with underlying cesspit" fuq l-għalqa li hija proprjetà esklussiva tal-esponenti."[6] Ippremettew ukoll li l-imsemmija kienu pproponew li fuq il-bejt tal-istruttura deskritta bħala *fattening unit* kienu ser jitpoġġew pannelli

[6] Fol 17 tal-proċess.

fotovoltaiċi. Fissru wkoll li kien jidher ukoll li kienu ser jagħmlu xogħlijiet li jolqtu l-passaġġ komuni. Kien għalhekk li talbu lil dik il-Qorti

***"1. Tiddikjara u tiddeċiedi, anke bl-opera ta' periti nominandi illi l-għalqa kollha hekk kif indikata bil-kulur oranġjo fuq il-pjanta immarkata bħala Dok A, u senjatament l-għalqa aġjaċenti għar-razzett magħruf bħala Magri Farmhouse, aċċessibbli minn fuq passaġġ proprjetà in komuni bejn l-esponenti u intimat Peter Magri u li tagħti fuq sqaq bla isem jiżbokka fuq Triq il-Fulija limiti tal-Qrendi, tal-kejl ta' ċirka [...] (1946 m.k.), hija proprjetà tal-esponenti, flimkien mal-intimata Maria Magri u li għaldaqstant l-ebda wieħed mill-intimati ma għandu l-jedd jagħmel xogħolijiet fl-istess proprjetà mingħajr il-kunsens espress tal-esponenti;***

***2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-isqaq immarkat bil-kulur isfar fuq il-pjanta, immarkata bħala Dok A, inkluż kwalsaisi l-entratura u x-xatba li jagħtu għall-istess sqaq, huwa proprjetà in komunjoni bejn l-esponenti u l-intimat Peter Magri, flimkien mal-intimata Maria Magri, u li għaldaqstant l-ebda wieħed mill-intimati m'għandu l-jedd jagħmel xogħolijiet fl-istess proprjetà mingħajr il-kunsens espress tal-esponenti;"***[7]

Din il-kawża għada pendenti.

16. Fl-4 ta' Novembru 2015 l-atturi fil-kawża odjerna resqu rikors għall-ħruġ ta' Mandat' t'Inibizzjoni (**Mario Magri et vs. Carmelo Magri et (Mand t'Inib 1715/2015)**) li permezz tiegħu talbu lil l-Qorti żżomm lill-intimati milli jsakkru, jagħmlu xogħlijiet u/jew jinkarigaw terzi iwettqu xogħolijiet u/jew jostakolaw jew ifixkluhom mid-dritt tat-tgawdija tal-istess ambjenti li huma komproprjetarji flimkien mal-konvenuti. Wara li qieset f'livell prima facie li x-xogħlijiet min-naħa tal-konvenuti huma ta' preġudizzju għall-komproprjetarji, din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

17. In segwietu l-atturi intavolaw il-kawża odjerna liema kawża hija imsejsa fuq l-**Artikolu 493 tal-Kodiċi Ċivili** li jirregola proprjetà miżmuma in komun. Fil-każ odjern proprjetà li ddevolviet fuq il-partijiet bis-segwenti atti li ser isir referenza għalihom f'aktar dettal taħt il-konsiderazzjonijiet legali:

---

[7] Fol 18 tal-proċess.

i. Testment fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja fit-22 ta' Jannar 2002;
ii. Testment fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tal-21 t'April 2008;
iii. Donazzjoni fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono fis-26 ta' Ġunju 2014.

18. Fl-14 t'Ottubru 2016 ġiet intavolata kawża mill-konvenuti odjerni bl-isem **Carmelo Magri et vs. Peter Magri et (RIk Ġur 923/2016)** quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn wara l-mewt t'ommhom Maria Magri fis-16 ta' Frar 2016 talbu lill-Qorti:

> "[...]
> 2) Tiddikjara u tiddeċiedi illi t-testatrici Maria Magri, permezz tal-prelegati u d-donazzjonijiet surreferita u permezz ta' kwalsaisi donazzjoni ohra li tista tirriżulta, eċċediet il-parti disponibbli tal-eredita taghha;
> 3) Tirriduci b'mod proporzjonat tali prelegati u donazzjonijiet fil-limiti tal-parti disponibbli fit-termini tal-art 647 – 653 tal-Kodiċi Ċivili;
> 4) Tillikwida u tikkwantifika s-sehem fl-eredita il-porzjoni riservata tal-esponenti Carmelo Magri u Angelo Magri mill-eredita ta' Maria Magri;
> 5) Tikkundanna lill-intimati bhala eredi ta' Maria Magri jhallsu l-ammont hekk likwidat rappreżentanti il-porzjoni riservata dovuta lilhom"[8]

Dik il-kawża tinsab pendenti.

**Eċċezzjoni – *lis alibi pendens***

19. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti resqu l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* stante li bejn il-partijiet hemm kawża oħra pendenti dwar l-istess ambjenti fl-ismijiet inversi[9].

20. L-istitut tal-*lis alibi pendens* u l-istitut tal-konnessjoni ta' kawża ma' oħra hu regolat bl-**Artikoli 792 sa 794 tal-Kapitolu 12**.

21. L-eċċezzjoni tal-"lis alibi pendens", bħall-eċċezzjoni ta' konnessjoni ta' kawża ma' oħra, hija waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet li tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza, u għandha tingħata fil-kawża li ġiet intavolata l-aħħar. (**Art. 794 (1), Kap. 12**). Meta tingħata tali eċċezzjoni il-Qorti għandha tiddeċidiha qabel ma tiddeċidi l-mertu u għandha tiddeċidiha b'kap għaliha. Jekk tali eċċezzjoni tiġi miċħuda l-Qorti tista' tgħaddi mill-ewwel sabiex tiddeċiedi l-mertu jekk il-provi

[8] Meħuda mill-iscan li tinsab fuq l-*ecourts*.
[9] Rik Ġur 811/2014 MH.

dwar il-mertu jkunu nġabru. Mill-banda l-oħra, jekk l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* tiġi milqugha il-Qorti għandha tibgħat l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti li quddiemha tkun qed tinstema l-kawża l-oħra. (**Art. 792, Kap. 12**).

22. Fir-rigward ġie imfisser illi:

> *"La litis pendentia si verifica quando due azioni identiche sono proposte davanti a giudici diversi. È necessario quindi che lo stesso diritto sia fatto valere in giudizio, tra le stesse parti, inanzi a due giudici diversi (identità di soggetti, petitum, causa petendi). Quando vengono proposte contemporaneamente due azioni identiche, il legislatore impone di eliminare uno dei due processi sulla stessa controversia, per evitare uno spreco di attività processuale e sopratutto il pericolo di un contrasto di giudicati."*[10]

23. Fil-kawża **Anatoli Reznikov et. vs. Nikolai A. Kotivov pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Marzu 1994 ġie kkunsidrat illi:

> *"The plea is somewhat parallel with the plea of exceptio rei judicatæ. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of litis pendentia in the words of section 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the first court. In fact, doctrine and case law in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the court to declare its own incompetence ex officio if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein.*
>
> *The essential condition for this plea is the identity of the two actions which results from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject-matter and the case of the demand."*

24. Huwa meqjus illi l-eċċezzjoni tal-*litis pendentia* hija ta' ordni pubbliku, u bħala tali l-Qorti tista' hija stess tissollevaha *ex officio*; meta jinġieb a konjizzjoni tagħha illi hemm proċedura ġudizzjarja oħra mibdija qabel bejn l-istess persuni bl-istess suġġett u bl-istess *causa petendi*.

25. Sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* iridu jissussistu tliet rekwiżiti: (i) iż-żewġ kawżi jridu jkunu bejn l-istess partijiet u dawn ikunu

[10] *Diritto Processuale Civile: Edizioni Giuridiche Simone* - 2000 paġni 43 – 44.

qeghdin jaġixxu fl-istess kwalità (*eadem personae*); (ii) iż-żewġ kawżi jrid ikollhom l-istess suġġett (*eadem res*); (iii) it-talbiet fiż-żewġ kawżi irid ikollhom l-istess *causa* (*idem ius u eadem causa pretendi*) u dawn iridu jirrizultaw *ictu oculi*.

26. Opportun jiġi sottolineat id-differenza bejn l-elementi meħtieġa għall-konnessjoni ta' żewġ kawżi jew aktar u l-elementi tal-*lis alibi pendens*.

27. Meta hemm konnessjoni ta' suġġett bejn tnejn jew aktar kawżi pendenti jew meta d-deċiżżjoni f'kawża tista' tolqot id-deċiżżjoni f'kawża oħra pendenti, l-Qorti tista' tordna li l-kawżi jinstemgħu flimkien (**Artikolu 793 Kap. 12**). Hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tordnax il-konnessjoni tal-kawżi u ma tagħmel l-ebda differenza jekk l-eċċezzjoni tal-konnessjoni tal-kawżi ġietx imressqa fil-kawża intavolata l-ewwel jew inkella fil-kawża intavolata t-tieni.

28. Mill-banda l-oħra ma hemmx diskrezzjoni f'idejn il-Qorti meta tiġi mressqa b'suċċess l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*. Huwa miżmum illi għalkemm **Artikolu 792** jipprovdi illi meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar "tista'" tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra; ma hemmx għażla f'idejn il-ġudikant ladarba jseħħu l-elementi tal-*litis pendentia;* similment bħal meta titressaq b'suċċess l-eċċezzjoni tar-*res judicata*. "L-għan ta' din l-eċċezzjoni ġie mfisser bħala dak li bih il-mertu ta' żewġ kawżi li huwa l-istess jinstama' fi proċess wieħed, b'mod li, jekk dik l-eċċezzjoni tintlaqa', tneħħi mill-Qorti li għandha quddiemha t-tieni kawża l-kompetenza li tkompli tismagħha" (**Aaron Haroun v. l-Onor. Prim Ministru et.** - Prim' Awla - 8 ta' Ġunju, 2017 fejn ġie wkoll iċċitat ***Caruana Galizia Notes on Civil Procedure*** - paġ.1304).

Ikkunsidrat;

29. Stante li l-kawża odjerna ġiet intavolata wara l-kawża l-oħra, fit-2 ta' Marzu 2016 l-atturi odjerni talbu lill-Qorti fil-kawża l-oħra sabiex tordna l-konnessjoni taż-żewġ kawżi u sabiex konsegwentement issejjaħ quddiemha l-kawża odjerna. L-atturi odjerni, konvenuti fil-kawża l-oħra opponew. U b'digriet tal-24 ta' Marzu 2017, il-Qorti l-oħra, għar-raġunijiet hemm mogħtija, ċaħdet it-talba għall-konnessjoni taż-żewġ kawżi.

30. Sussegwentement fit-30 ta' Mejju 2017, il-konvenuti odjerni intavolaw fl-atti tal-kawża odjerna, allura diversament presjeduta, rikors fejn talbu s-soprassessjoni pendenti l-eżitu finali tal-kawża l-oħra. B'digriet tal-10 ta' Jannar 2018 din il-Qorti kif diversament presjeduta, għar-raġunijiet hemm mogħtija, ċaħdet it-talba għas-soprassessjoni. Pero' l-eċċezzjoni tal-*litis pendentia* baqgħet ma ġietx deċiża.

31. Kif rajna, l-ewwel talba fil-kawza Rik. Ġur. 811/14 fl-ismijiet inversi hi s-segwenti:

***"1. Tiddikjara u tiddeċiedi,...........illi l-għalqa kollha hekk kif indikata bil-kulur oranġjo fuq il-pjanta immarkata bħala Dok A, u <u>senjatament l-għalqa aġjaċenti għar-razzett magħruf bħala Magri Farmhouse</u>, aċċessibbli minn fuq passaġġ proprjetà in komuni bejn l-esponenti u intimat Peter Magri u li tagħti fuq sqaq bla isem jiżbokka fuq Triq il-Fulija limiti tal-Qrendi<u>, tal-kejl ta' ċirka [...] (1946 m.k.),</u> <u>hija di proprjetà tal-esponenti, flimkien mal-intimata Maria Magr</u>i u li għaldaqstant l-ebda wieħed mill-intimati ma għandu l-jedd jagħmel xogħolijiet fl-istess proprjetà mingħajr il-kunsens espress tal-esponenti;***

32. Fil-kawża odjerna t-tielet talba taqra' kif isegwi:

***.3. Tiddikjara u tiddeċiedi, ....................... illi l-passagg accessibbli minn sqaq bla isem li jaghti fuq Triq Fulija, limiti tal-Qrendi, u kif ukoll <u>f'zewg porzjonijiet ta' raba tal-kejl kull bicca ta' elf disa mija u sitta u erbghin metri kwadri (1946m.k.)</u> accessibbli minn fuq il-parti komuni, fuq imsemmija u kif ukoll sehem fir-raba formanti parti mill-ghalqa imsejha Tal-Hniena fil-kontrada tal-Hniena, limiti tal-Qrendi, accessibbli mill-passagg komuni gia deskritt li jisbokkaw fi sqaq li jizbokka fi Triq il-Fulija, limiti tal-Qrendi <u>huma proprjetà tal-esponenti flimkien mal-intimati</u> u li ghaldaqstant l-ebda wiehed mill-intimati ma ghandu l-jedd jaghmel tibdil, xogholijiet jew jikkapparra u jsakkar l-istess ambjenti;***

33. Fiż-żewġ kawżi qed jintalab dikjarazzjoni ġudizzjarja dwar min hu s-sid tal-istess raba'.

34. Inżamm illi sabiex jirriżultaw l-estremi ta' *litis pendentia* jeħtieġ li jkun hemm mhux biss żewġ kawżi bejn l-istess partijiet u fuq l-istess suġġett; iżda wkoll irid ikun hemm l-istess talbiet (**Crocifissa Sammut et v. Joseph Spiteri** - Appell Superjuri - 10 ta' Ottubru, 2003).

35. Tqis għalhekk illi irriżultaw sodisfaċentement it-tlett elementi tal-*lis alibi pendens* b'dan illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti timmerita li tiġi akkolta.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti peress li qed issib illi jirriżultaw l-estremi tal-*lis alibi pendens* ai termini tal-Artikolu 792 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

2. Tordna li l-atti jintbgħatu lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivli u Tribunali sabiex jieħu ħsieb li jiġu mgħoddija lill-Qorti li qed tisma' l-kawża numru 811/2014MH fl-ismijiet "Carmelo Magri et. v. Peter Magri et."

   Bl-ispejjeż riżervati għas-sentenza dwar il-mertu.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
3 ta' Mejju, 2024

**Deputat Reġistratur**